MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2025

Appell Inferjuri Numru 67/2024 LM

**Sagar Khanal (Karta tal-Identità 0332433A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**L-Aġenzija Identity Malta**
*('l-Aġenzija appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Sagar Khanal (K.I. nru. 0332433A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' Lulju, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li ddeċieda t-talbiet tiegħu fil-konfront tal-intimata **l-Aġenzija Identity Malta** [minn issa 'l quddiem 'l-Aġenzija appellata'], kif ġej:

> *"Therefore, after having read the relative submissions, the Board rejects the appeal. The Board orders notification of the decision to the Principal Immigration Officer."*

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz ta' ittra mibgħuta fis-6 ta' Ġunju, 2023, ir-rikorrent ġie mgħarraf mill-Aġenzija intimata li l-applikazzjoni tiegħu taħt il-proċedura tal-Permess Uniku bid-data tal-5 ta' Jannar, 2023, giet irrifjutata, u dan minħabba li lill-istess Aġenzija intimata rriżultalha li fiż-żmien meta r-rikorrent ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu huwa kien qiegħed Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-istess ittra, ir-rikorrent ġie infurmat li huwa seta' jappella minn din id-deċiżjoni.

3. Ir-rikorrent appella mid-deċiżjoni tal-Bord fl-istess ġurnata li rċieva l-korrispondenza mingħand l-Aġenzija appellata, jiġifieri fis-6 ta' Ġunju, 2023. Ir-rikorrent ġie mgħarraf li huwa seta' jressaq is-sottomissjonijiet u l-evidenza ulterjuri in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, imma jirriżulta li s-sottomissjonijiet ulterjuri tar-rikorrent ġew ippreżentati fid-9 ta' April, 2024. Fis-sottomissjonijiet ulterjuri tiegħu, ir-rikorrent spjega li meta wasal Malta, huwa kien impjegat għal xi żmien mal-kumpannija Employment Services Limited. Qal li xi żmien wara huwa fittex impjieg mal-kumpannija Twin Tiger Limited, li għal xi raġuni lil hinn mill-kontroll tiegħu naqset milli tapplika għall-karta ta' residenza lill-impjegati tagħha. Qal li minkejja li huwa qatt ma rċieva l-*card* tar-residenza tiegħu, huwa kien intalab jissottometti d-data bijometrika tiegħu u l-karta l-blù. Qal li minkejja li huwa segwa mal-Aġenzija intimata l-proċess tal-ħruġ tad-dokumentazzjoni meħtieġa, huwa baqa'

mingħajr il-karta ta’ residenza tiegħu. Qal li minħabba f’din is-sitwazzjoni, huwa fittex li jibdel il-post tax-xogħol tiegħu, bit-tama li jekk jibdel il-post tax-xogħol tinħariġlu l-karta ta’ residenza, u għalhekk huwa ppreżenta applikazzjoni ġdida għall-ħruġ ta’ permess uniku wara li sab impjieg ma’ C.A.B. Hospitality Services Limited. Ir-rikorrent qal li huwa ta d-dokumentazzjoni kollha mitluba mingħandu lill-Aġenzija intimata, li ħarġitlu l-ittra ta’ rifjut abbażi tal-fatt li s-soġġorn tiegħu f’Malta meta ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu, kien wieħed illegali. Ir-rikorrent qal li huwa ppreżenta l-applikazzjoni l-ġdida tiegħu wara li lilu kienet inħarġitlu karta blù valida. Qal li huwa vittma ta’ inkongruwenza amministrattiva, u dan għaliex l-Aġenzija intimata kellha tirreferi l-każ tiegħu lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, li huwa l-entità responsabbli sabiex tiddetermina jekk huwiex minnu li s-soġġorn tiegħu f’Malta kien wieħed illegali. Qal li dan l-aħħar, l-Aġenzija intimata bidlet il-*modus operandi* tagħha, u qiegħda tirreferi individwi f’sitwazzjonijiet simili għal tiegħu lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni.

4. Ir-rikorrent qal li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex l-ittra li rċieva mhijiex immotivata, u tgħid biss li huwa mhuwiex jirrisjedi f’Malta legalment, u dan in-nuqqas ta’ motivazzjoni qiegħed iċaħħdu wkoll mid-dritt li jkollu rimedju effettiv. Żied jgħid li l-azzjonijiet tal-Aġenzija intimata huma leżivi tad-Direttiva 2011/98/UE u tal-artikolu 41 tal-Karta tal-EU dwar id-Drittijiet Fundamentali, u dan għaliex l-imsemmija Direttiva kellha l-iskop li tistabbilixxi proċedura ta’ applikazzjoni simplifikata waħda, li tinvolvi l-ħruġ ta’ permess wieħed kemm għad-dritt li wieħed jaħdem, kif ukoll għad-dritt ta’ soġġorn fl-Unjoni Ewropea. Qal li din id-Direttiva għandha l-iskop li tassigura li ċittadini ta’ pajjiżi terzi jkunu jeħtieġu biss permess wieħed ta’ xogħol u ta’ residenza, u li ċittadini ta’ pajjiżi

terzi ma jkunux sfruttati waqt li jaħdmu fl-Unjoni Ewropea, billi dawn jibdew jingħataw l-istess drittijiet bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru li jkunu qegħdin jaħdmu u jirrisjedu fih.

5. Ir-rikorrent qal li huwa jħossu aggravat ukoll għaliex id-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata hija leżiva tal-artikolu 23(1) tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, li jgħid li kull individwu għandu dritt li jaħdem, li jsib impjieg tal-għażla tiegħu, li jgawdi minn kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xieraq u mill-protezzjoni kontra l-qgħad. Qal li huwa dejjem onora l-obbligi tiegħu waqt li kien impjegat f'Malta, u llum huwa għandu prinċipal prospettiv li jixtiequ jibda jaħdem miegħu. Qal li għalhekk għandu jirriżulta li huwa spiċċa vittma ta' sitwazzjoni teknika u burokratika li mhijiex fil-kontroll tiegħu, filwaqt li għandu jkun ċar li huwa qatt ma pprova jqarraq bl-awtoritajiet. Qal li l-ittra ta' rifjut inħarġet minħabba nuqqasijiet kommessi mill-prinċipal li kellu, u mhux minnu, u għalhekk kwalsiasi miżuri għandhom jittieħdu kontra min wettaq l-irregolaritajiet.

6. L-appellant għamel riferiment għall-vulnerabbilità li jkun fiha ċittadin ta' pajjiż terz u għad-dimensjoni umana tal-każ tiegħu. Qal li f'dawn it-tip ta' każijiet hemm id-dimensjoni umana u d-dipendenza tal-applikant fuq min iħaddmu, anki sabiex dan tal-aħħar jieħu ħsieb jagħmel fil-ħin l-applikazzjonijiet meħtieġa mal-awtoritajiet. Qal li l-unika intenzjoni tiegħu kienet li jasal u li jkun jista' jaħdem f'Malta legalment.

7. L-Aġenzija intimata wieġbet li l-appell magħmul mill-appellant ma jelenkax l-aggravji li huwa qiegħed isejjes l-appell tiegħu fuqhom, u qalet li għalhekk huwa diffiċli għaliha li twieġeb għal-lanjanzi tiegħu. Qalet li filwaqt li l-

appellant ressaq ir-rikors tal-appell tiegħu quddiem il-Bord fis-6 ta' Ġunju, 2023, huwa m'għamel l-ebda sottomissjoni qabel it-28 ta' Settembru, 2023. Qalet li fit-30 t'Awwissu, 2023 hija kienet staqsiet lill-Bord jekk kinux saru xi sottomissjonijiet ulterjuri min-naħa tar-rikorrent, u dan kien wieġeb fin-negattiv. L-Aġenzija intimata qalet li l-ittra ta' rifjut min-naħa tagħha inħarġet fis-6 ta' Ġunju, 2023 abbażi tas-sub-regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Żiedet tgħid li fit-23 ta' Novembru, 2022, ir-rikorrent kien ingħata Permess Uniku abbażi tal-impjieg tiegħu mal-kumpannija Employment Services Limited, liema permess kien validu sat-23 ta' Novembru, 2023. Qalet li dan l-impjieg kien ġie tterminat fil-5 ta' Jannar, 2023, u għalhekk l-iskop li għalih kien inħareġ il-Permess Uniku waqaf jeżisti. L-Agenzija appellata qalet li fil-5 ta' Marzu, 2023 ir-rikorrent beda jikkumpila d-dokumentazzjoni li kellu jissottometti mal-applikazzjoni l-ġdida tiegħu, imma ppreżenta finalment din l-applikazzjoni fil-5 ta' Ġunju, 2023, u għalhekk madwar ħames xhur wara l-aħħar ġurnata tiegħu fl-impjieg li kellu qabel. L-Aġenzija intimata qalet li minkejja t-terminazzjoni tal-impjieg tal-persuna, hija tagħti konċessjoni ta' għaxart ijiem sabiex ikun jista' jirregolarizza s-sitwazzjoni tiegħu, inkluż billi jsib impjieg alternattiv, imma r-rikorrent naqas milli jagħmel dan, u lanqas ma ssottometta applikazzjoni għal '*change of employer*' fit-terminu ta' għaxart ijiem konċess, u b'riżultat ta' dan, is-soġġorn tar-rikorrent f'Malta mhuwiex wieħed legali. Qalet li l-applikazzjoni tar-rikorrent ġiet rifjutata abbażi tal-artikolu 8(1)(ċ) tal-L.S. 217.17, għaliex irriżulta li r-rikorrent ma jinsabx f'Malta legalment, u fi kwalunkwe każ, meta ċittadin ta' pajjiż terz jinsab f'Malta b'mod illegali, ir-regolarizzazzjoni ta' dak l-individwu taqa' taħt il-kompetenza tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni. Qalet li hija tipproċessa l-applikazzjonijiet li jkollha

quddiemha b'diliġenza, u l-ittri ta' rifjut jinħarġu biss wara li jiġi stabbilit li l-applikazzjoni ma tkunx tissodisfa l-kriterji mfassla fil-liġi applikabbli u fil-*policies* rilevanti. Qalet li fil-fatt minn informazzjoni li għandha f'idejha, għandu jirriżulta li kienu biss 2.8% tal-applikazzjonijiet li ġew rifjutati minnha. L-Aġenzija intimata kkonkludiet ir-risposta tagħha billi talbet lill-Bord iqis li l-appell tar-rikorrent huwa wieħed null.

## Id-Deċiżjoni Appellata

8. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' Lulju, 2024, il-Bord iddeċieda li l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi rifjutat, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"1. __Preliminary__*

*The Board:*

*Noted that in virtue of a decision issued by Identità, the Agency stated that **the appellant's single permit application has been refused**;*

*Noted the application form but no letter of appeal;*

*Noted the appeal registered on __6th June 2023__; and*

*Noted Identità did not file a reply.*

***2. __Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board__***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta), stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **__Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et__** (decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the*

*evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board notes the following documents in the appellant's file:*

- *Identità's refusal decision;*
- *The application form of the appeal;*
- *The Board's registered receipt of the appeal;*
- *An email;*
- *Single permit correspondence; and*
- *Residence permit receipt of payment*

*Late submissions are not accepted, as it is clear, in the receipt, dated 6th June 2023, that the appellant has 15 days to file* 'any relevant and/or supporting documentation.'

*The Board, therefore, refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Albert Beliard vs. Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Expatriate Affairs*** *decided on 9th July, 2020 in which it was held:*

*"*Kif tajjeb irrilevat fil-ġurisprudenza ċċitata mill-abbli Avukat tal-Istat, l-essenzjal tal-fair hearing hu li kull parti tingħata l-opportunità li tressaq il-każ tagħha, b'mod li l-Qorti tkun f'qagħda li, kif jgħid il-Malti, tisma' ż-żewġt iqniepen. M'hemmx għalfejn ikun hemm trattazzjoni orali. Barra minn hekk, hija għal kollox inaċċettabbli l-qagħda tal-appellant li quddiem il-Bord ma pproduċa ebda aggravju in sostenn tal-appell tiegħu u minn fuq jippretendi li l-Bord jagħmillu xogħlu hu."

*The Board wholeheartedly shares the reasoning of the Court of Appeal in this case and can apply it to the current casse. In the present case, the appellant brought forward no grievances in time and no submissions in time to address the merits of the case.*

***3. Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions, the Board rejects the appeal.*

*The Board orders notification of the decision to the Principal Immigration Officer."*

## L-Appell

9. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-2 t'Awwissu, 2024, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-aggravji tiegħu, u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Aġenzija

intimata tas-6 ta' Ġunju, 2023, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tal-24 ta' Lulju, 2024, u dan sabiex huwa jitħalla jippreżenta applikazzjoni ġdida għall-permess ta' residenza ġewwa Malta.

10. L-appellant, li ġej minn pajjiż terz, spjega li huwa beda jaħdem ma' Employment Services Limited, u wara dan l-impjieg huwa beda jaħdem ma' Twin Tiger Limited, kumpannija tat-taxis, li għal xi raġuni naqset milli tapplikalu għall-karta ta' residenza bħala impjegat tagħha. Qal li filwaqt li huwa qatt ma rċieva l-karta tar-residenza tiegħu abbażi tal-impjieg li beda ma' Twin Tiger Limited, huwa rċieva appuntament sabiex imur jagħmel il-*biometrics* u l-karta l-blù. Qal ukoll li huwa bagħat korrispondenza lill-Aġenzija intimata fejn talab għall-estensjoni tal-karta l-blù u talab ukoll li tiġi pproċessata l-karta tar-residenza tiegħu. Qal li minkejja dan, huwa qatt ma rċieva risposta mingħand l-Aġenzija appellata. L-appellant qal li f'din is-sitwazzjoni, huwa sab xogħol ieħor u applika mill-ġdid mal-Aġenzija Identità, filwaqt li kellu karta ta' residenza valida ma' C.A.B. Hospitality Services Limited. L-appellant qal li l-Aġenzija Identità infurmatu li l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata għaliex l-*immigration position* tiegħu meta ssottometta l-applikazzjoni tiegħu, ma kinitx regolari u għalhekk huwa kien meqjus bħala immigrant irregolari meta ssottometta l-applikazzjoni tiegħu. L-appellant spjega li l-appell intavolat minnu fis-6 ta' Ġunju, 2023 quddiem il-Bord, ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni tat-24 ta' Lulju, 2024, u huwa qiegħed jissottometti appell minn dik id-deċiżjoni għaliex iħossu aggravat biha.

11. L-appellant spjega li qabel ma l-Bord ta d-deċiżjoni tiegħu, ma ġiex osservat il-prinċipju *audi alteram partem,* u filwaqt li l-Bord aċċetta l-

applikazzjoni u l-ħlas rispettiv sabiex huwa jkun jista' jappella mid-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata, meta ġie għad-deċiżjoni tiegħu, il-Bord injora s-sottomissjonijiet addizzjonali tiegħu. Qal li għalhekk huwa ma ngħatax iċ-ċans iressaq il-verżjoni tiegħu 'l quddiem qabel ma l-Bord ta d-deċiżjoni tiegħu fejn qabel mal-pożizzjoni tal-Aġenzija appellata, u l-Bord kien obbligat jagħmel minn kollox sabiex jisma' l-verżjoni tiegħu. Kompla jgħid li b'dawn id-deċiżjonijiet huwa ser jispiċċa żvantaġġat sew minħabba li ser ikollu jħalli Malta.

12. Fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-Bord naqas milli jagħti interpretazzjoni korretta tal-prinċipji tar-raġonevolezza, tal-proporzjonalità u tal-element uman, u l-Bord aċċetta l-applikazzjoni għall-appell, filwaqt li injora s-sottomissjonijiet addizzjonali tiegħu. Qal li d-deċiżjoni tal-Bord ma tistax titqies li hija proporzjonata meta jiġu kkunsidrati l-fattispeċi tal-każ, għaliex huwa għamel dak kollu li kien fil-poter tiegħu sabiex jirregolarizza ruħhu, u bagħat korrispondenza diversa lill-Aġenzija appellata sabiex tinħariġlu l-karta tar-residenza, u meta ra li min kien qiegħed iħaddmu ma kienx qiegħed imexxilu u jaħdimlu fuq id-dokumenti rikjesti mill-Aġenzija appellata, huwa fittex u sab impjieg ieħor. Qal li l-Qorti għamlitha ċara f'għadd ta' sentenzi li l-entitajiet għandhom ikunu meqjusa fid-deċiżjonijiet li jieħdu, speċjalment in vista tal-fatt li hawnhekk għandek nies vulnerabbli ġejjin minn pajjiżi terzi bil-għan li jsibu ħajja aħjar f'Malta.

13. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant qal li huwa spiċċa vittma tal-amministrazzjoni tal-Aġenzija Identity Malta, u ħassu konfuż u mitluf minħabba l-aġir tagħha meta huwa rċieva appuntament sabiex imur jagħmel il-*biometrics* u l-karta l-blù, iżda baqa' ma ngħata l-ebda risposta dwar id-dritt

tiegħu li tinħariġlu l-karta ta' residenza. Qal ukoll li jekk huwa minnu li jinsab f'pożizzjoni irregolari, l-Aġenzija appellata kellha tirreferi l-każ lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għaliex dan huwa l-enti responsabbli fdat bl-awtorità li jiddetermina jekk l-appellant huwiex verament f'pożizzjoni ta' *overstaying* għal perijodu konsiderevoli ta' żmien li ma jistax jiġi regolarizzat. L-appellant qal li huwa fassal ħajtu hawn Malta, u qiegħed isibha ferm diffiċli jitlaq wara li fassal ħajtu hawnhekk. Qal ukoll li l-element uman f'każijiet ta' din ix-xorta għandu jkun suprem.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

14. L-Aġenzija appellata wieġbet li l-appell tal-appellant huwa null u inammissibbli, għaliex *ai termini* tal-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punt ta' dritt *'rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III'*, u l-appellant la huwa persuna msemmija fit-Taqsima III ladarba huwa mhux ċittadin ta' Stat Membru, u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' Stat li huwa marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera. Qalet li għalhekk dan l-appell għandu jiġi ddikjarat null. Qalet ukoll li d-deċiżjoni tal-Bord tal-24 ta' Lulju, 2024 hija ġusta u timmerita konferma.

15. B'riferiment għall-ewwel aggravju, l-appellata qalet li l-Bord huwa tenut jirregola l-proċedura tiegħu stess, u f'dan il-każ għażel li permezz ta' digriet li jagħti f'kull appell ta' din ix-xorta li jiġi quddiemu, jagħti ċans lill-partijiet sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom fi żmien ħmistax-il jum mill-intavolar tal-appell tagħhom. Kompliet tgħid li l-appellant għażel li jinjora digriet ċar u

inekwivoku, u minflok issottometta l-osservazzjonijiet tiegħu tmien xhur wara l-preżentata tal-appell tiegħu, iżda issa qiegħed jilmenta li l-Bord naqas milli josserva l-prinċipju ta' *audi alteram partem* meta għażel li ma jikkunsidrax is-sottomissjonijiet tardivi ppreżentati minnu. L-appellata qalet li m'hemmx għalfejn jingħad li l-Bord għandu jimxi bl-istess mod mal-partijiet, b'rispett lejn il-prinċipji taċ-ċertezza legali, tal-parità tal-armi u tal-imparzjalità u l-indipendenza, u ma jistax għal raġuni ta' xejn jinjora digrieti tiegħu stess biex jaġevola lil xi parti. Qalet li l-appellant ma ppruvax jispjega lill-Bord għal liema raġuni huwa injora t-terminu mogħti lilu, u lanqas f'dan l-istadju ma ttenta jagħti xi forma ta' spjegazzjoni.

16. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-Aġenzija appellata qalet li dan l-aggravju huwa *non sequitur,* għaliex l-appellant qatt ma spjega għal liema raġuni huwa ppreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu quddiem il-Bord b'mod tardiv, b'disprezz lejn id-digriet tal-Bord. Qalet li sabiex il-Bord ikun jista' jeżamina x'ġara fil-mertu, u jasal għal deċiżjoni dwar jekk id-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata tteħditx skont il-liġi u b'ħarsien tal-element uman, il-partijiet l-ewwel iridu jżommu mal-proċedura tal-Bord u jressqu l-appell, ir-risposti u s-sottomissjonijiet tagħhom fit-termini mogħtija. Qalet li għalhekk dan l-aggravju għandu jitqies li huwa infondat, u għandu jiġi miċħud ukoll.

17. B'riferiment għat-tielet aggravju, l-Aġenzija appellata qalet li dan jittratta proprju il-mertu ta' dan l-appell, liema mertu fl-ewwel lok qatt ma ġie meqjus mill-Bord, li ġustament iddeċida billi ċaħad l-appell wara li ma ġewx intavolati sottomissjonijiet fil-ħin mill-appellant, u fit-tieni lok ma jistax jiġi meqjus f'dan l-istadju, għaliex skont il-liġi, appelli jistgħu jsiru biss fuq punt ta' liġi. Qalet li

permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant qiegħed jistieden lil din il-Qorti tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi, u għalhekk dan l-aggravju wkoll huwa infondat, u għandu jiġi miċħud.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

18. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-Aġenzija appellata. B'riferiment għall-eċċezzjoni mressqha mill-Aġenzija appellata, li r-rikors tal-appell tal-appellant għandu jitqies li huwa null minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217, il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ma jistax jingħad li l-appellant ma jinsabx fit-territorju Malti b'mod leġittimu, u għad irid ikun hemm eżitu finali għall-appell odjern sabiex dik il-vertenza tiġi determinata darba għal dejjem. Għaldaqstant il-Qorti sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-appell, għaliex ma tistax teskludi *a priori* l-jedd tal-appellant li jressaq dan l-appell tiegħu.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Il-Bord naqas milli josserva l-prinċipju* tal-audi alteram partem*]*

19. L-appellant saħaq li l-Bord kiser il-prinċipju tal-*audi alteram partem,* meta naqas milli jikkunsidra s-sottomissjonijiet ulterjuri ppreżentati minnu, u qal li b'din id-deċiżjoni huwa ser jispiċċa żvantaġġat ferm għaliex jekk jibqa' ma jistemgħax, huwa ser ikollu jitlaq minn Malta.

20. Il-Qorti tirrileva li hija għamlet riassunt ta' dak li ngħad mill-appellant fin-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri ppreżentata minnu quddiem il-Bord, u li ġiet esebita wkoll flimkien mar-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti, sabiex l-appellant ikollu s-serħan tal-moħħ li l-fatti tal-każ tiegħu hija ħadet konjizzjoni tagħhom. Il-Qorti qieset li l-ilment ewlieni tal-appellant huwa li hu ma kellu l-ebda kontroll fuq meta tiġi ippreżentata l-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ tal-permessi meħtieġa sabiex il-qagħda tiegħu f'Malta tiġi regolarizzata, għaliex din kienet imħollija interament f'idejn il-prinċipal tiegħu. Imma l-appellant naqas milli jagħti spjegazzjoni tar-raġuni għalfejn huwa kien tardiv biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu u jimmotiva l-appell tiegħu, u jagħti spjegazzjoni ta' x'kien ġara. L-*acknowledgment* li l-appellant ingħata mill-Aġenzija appellata, kien jgħid b'mod ċar li l-appellant kellu terminu ta' ħmistax-il ġurnata sabiex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu. Imma għal xi raġuni, l-appellant stenna aktar minn tmien xhur sabiex jagħmel diversi sottomissjonijiet li huwa jsejjaħ 'sottomissjonijiet ulterjuri', u dan id-dewmien jindika li l-appellant ma fehemx l-urġenza li biha l-Bord ikun irid jirrevedi u jiddetermina każijiet ta' din ix-xorta. Il-Bord huwa tenut jirregola l-proċedura tiegħu stess, u fil-każ odjern ingħata żmien ampju lill-partijiet sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom. L-Aġenzija appellata fir-risposta tagħha, ġibdet l-attenzjoni tal-Bord għall-fatt li l-appellant bl-ebda mod ma mmotiva r-rikors tal-appell tiegħu. Minkejja dan, l-appellant ma ħassx il-ħtieġa li jersaq quddiem il-Bord bis-sottomissjonijiet u bl-evidenza li huwa kien mistenni jippreżenta in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu. Il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant ma setax jinjora ordni jew digriet ċar li ngħata mill-Bord, u imbagħad jersaq quddiem din il-Qorti sabiex jilmenta li l-Bord ma kienx

tah smigħ xieraq. Għal dawn ir-raġunijiet, tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Il-Bord naqas milli jagħti interpretazzjoni korretta tal-prinċipji ta' raġonevolezza, ta' proporzjonalità u tal-element uman]*

21. L-appellant jgħid li min-naħa tiegħu huwa għamel dak kollu li seta' sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, inkluż billi fittex impjieg ieħor meta wara li kien biddel l-impjieg tiegħu, il-prinċipal il-ġdid naqas milli jirregolarizza s-sitwazzjoni tiegħu. L-appellant qal li ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jitqiesu li huma vulnerabbli, u li għalhekk l-element uman fi proċeduri ta' din ix-xorta għandu jkun suprem.

22. Il-Qorti tirrileva li l-appellant ingħata ċans ampju sabiex jispjega s-sitwazzjoni tiegħu, u għal liema raġuni huwa ħalla aktar minn ħames xhur jgħaddu qabel ressaq applikazzjoni ġdida għal Permess Uniku. L-appellant informa lill-Bord li huwa kien fi ħsiebu jappella mid-deċiżjoni ta' rifjut dakinhar stess li ġie infurmat bid-deċiżjoni, iżda imbagħad injora għal kollox it-terminu ta' ħmistax-il jum mogħti lilu sabiex iressaq l-evidenza u s-sottomissjonijiet tiegħu, u stenna xejn anqas minn tmien xhur sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu quddiem il-Bord, u dan meta kif jgħid huwa stess, huwa għandu jitqies li qiegħed fi stat ta' vulnerabbilità. Fil-fehma tal-Qorti, il-Bord kien aktar minn raġonevoli bil-perijodu ta' żmien li pprefiġġa sabiex jiġu mressqa s-sottomissjonijiet tal-partijiet, u kien biss meta għadda perijodu twil ta' żmien, li l-Bord irrifjuta li jilqa' s-sottomissjonijiet ulterjuri li saru mill-appellant, għaliex il-Bord qies li ż-żmien

li leħħaq għadda ma kienx wieħed raġonevoli jew proporzjonat. L-appellant ma jistax jappella għas-sentiment uman meta huwa aġixxa bi ksur ta' ordni ċara tal-Bord, u baqa' ma ta l-ebda spjegazzjoni għal dan id-dewmien tiegħu, lanqas lil din il-Qorti. Il-Bord fassal il-proċedura li kellha tapplika, u kull parti li tersaq quddiemu għandha l-obbligu li tħares l-ordnijiet li tingħata, anki sabiex jiġu mħarsa l-jeddijiet ta' kull parti fil-proċeduri. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju:* *[L-appellant jgħid li huwa spiċċa vittma tal-amministrazzjoni ta' Identity Malta]*

23. L-appellant qal li minkejja li huwa ngħata appuntament għad-data bijometrika u għall-karta l-blù tiegħu, huwa baqa' ma ngħata l-ebda risposta min-naħa tal-Aġenzija appellata dwar l-applikazzjonijiet pendenti tiegħu. Jgħid li kien għalhekk li huwa bidel il-post tax-xogħol tiegħu sabiex jipprova jippreżenta applikazzjoni ġdida sabiex jirregolarizza ruħhu, imma minkejja dan, l-unika risposta li ngħata mill-Aġenzija appellata kienet li huwa qiegħed f'sitwazzjoni irregolari, u għalhekk ġie infurmat li l-applikazzjoni tiegħu ma kinitx ser tiġi pproċessata. Għal darb'oħra, f'din il-parti tal-appell tiegħu, l-appellant jappella għas-supremazija tal-element uman.

24. Il-Qorti tosserva li dan l-aggravju mhuwiex ibbażat fuq xi parti mid-deċiżjoni appellata, iżda huwa aggravju bbażat fuq il-mertu, jiġifieri fuq il-mod kif l-Aġenzija Identity Malta tmexxi l-operat tagħha. L-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-kompetenza ta' din il-Qorti testendi biss safejn l-appell ikun ibbażat fuq punt ta' dritt deċiż mill-Bord, u mhux fuq il-

mertu. Għaldaqstant il-Qorti m'hija sejra tieħu l-ebda konjizzjoni ta' dan l-aggravju, għaliex m'għandhiex il-kompetenza biex tagħmel dan.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**